



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2118(DEC)

13.1.2015

EMENDI

1 - 4

Abbozz ta' opinjoni
Sylvie Guillaume
(PE541.390v01-00)

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) għas-sena finanzjarja 2013
(2014/2118(DEC))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Barbara Matera

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis f'dan ir-rigward li minkejja li l-EUROPOL għamel progress matul is-snin fir-rigward tat-tfassil, l-eżekuzzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' akkwisti pubbliċi, l-effikaċja tagħhom għandha tkompli **titjeb**: il-kriterji tal-għażla mhumiex dejjem speċifiċi biżżejjed u l-offerti tarrifarji mhux dejjem realistiċi jew adegwati għall-eżiġenzi professjonali stabbiliti; jinnota, fit-tweġibiet tal-EUROPOL, il-proċess li għaddej globalment fir-rigward tal-proċeduri ta' reklutaġġ u s-sejħiet għall-offerti, u dan bl-għan li **titjeb** l-istruttura ta' organizzazzjoni interna attwali;

Emenda

3. Iqis f'dan ir-rigward li minkejja li l-EUROPOL għamel progress matul is-snin fir-rigward tat-tfassil, l-eżekuzzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' akkwisti pubbliċi, l-effikaċja tagħhom għandha tkompli **tittejjeb**: il-kriterji tal-għażla mhumiex dejjem **kienu** speċifiċi biżżejjed u l-offerti tarrifarji mhux dejjem **kienu** realistiċi jew adegwati għall-eżiġenzi professjonali stabbiliti; **jilqa' b'mod favorevoli l-isforzi tal-EUROPOL biex tistabilixxi funzjoni ta' proviżjonament ċentrali bir-responsabilità li tassigura kwalità għolja fil-fażijiet prinċipali kollha tal-proċess ta' proviżjonament. Din tittraduċi ruħha f'titjib tal-kontroll tal-kwalità fil-fażi tas-sejħa għall-offerti, li jiggarrantixxi l-viabilità u l-idoneità tal-offerti milqugħa**; jinnota, fit-tweġibiet tal-EUROPOL, il-proċess li għaddej globalment fir-rigward tal-proċeduri ta' reklutaġġ u s-sejħiet għall-offerti, u dan bl-għan li **tittejjeb** l-istruttura ta' organizzazzjoni interna attwali;

Or. it

Emenda 2
Barbara Matera

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Ifaħħar l-isforzi mwettqa rigward it-titjib tar-rati ta' eżekuzzjoni baġitarja: ir-rata ta'

Emenda

4. Ifaħħar l-isforzi mwettqa rigward it-titjib tar-rati ta' eżekuzzjoni baġitarja: ir-rata ta'

riporti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, li kienet 19.6% fl-2012, niżlet għal 11.6% fl-2013; jiddeplora l-fatt li r-rata ta' riporti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għat-titolu II (infiq amministrattiv) għadha għolja (41%), minkejja titjib meta wieħed iqabbilha *ma* dik tas-sena ta' qabel (49% fl-2012);

riporti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, li kienet *ta'* 19.6% fl-2012, niżlet għal 11.6% fl-2013; jiddeplora l-fatt li r-rata ta' riporti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għat-titolu II (infiq amministrattiv) għadha għolja (41%), minkejja titjib meta wieħed iqabbilha *ma'* dik tas-sena ta' qabel (49% fl-2012); *fl-aħħar jilqa' l-fatt li l-EUROPOL laħaq l-aqwa riżultati tiegħu ta' eżekuzzjoni baġitarja minn mindu sar aġenzija tal-Unjoni fl-2010, filwaqt li fl-istess ħin naqqas il-kosti amministrattivi b'mod sinifikanti (b'26 % matul l-aħħar 3 snin);*

Or. it

Emenda 3
Barbara Matera

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4a. Jilqa' wkoll l-adozzjoni min-naħa tal-EUROPOL ta' kodiċi ta' kondotta ġdid li jenfasizza l-aspetti ta' prevenzjoni tal-konflitt ta' interess, element fundamentali li saħaq fuqu l-Parlament Ewropew fi proċediment ta' kwittanza preċedenti;

Or. it

Emenda 4
Tomáš Zdechovský

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha

5. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha

tingħata aktar attenzjoni **għat-twaqqif** ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-EUROPOL, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom l-Uffiċċju **jkun uża** l-appropriazzjonijiet fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

tingħata **aktar** attenzjoni **akbar lill-prinċipju** ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-EUROPOL **fir-rigward tal-prinċipju tal-annwalità tal-baġit**, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom l-Uffiċċju **juża** l-appropriazzjonijiet fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

Or. en